**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin Laqgħa (45) tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-5.45 ta' filgħaxija wara li ngħatat in-nofs siegħa fuq il-ħin minħabba nuqqas ta' quorum.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | 7.00p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | Skużat | |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | 5.45p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Jason Camiller | 5.35p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 6.07p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Peter Abela | 5.40p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | Skużat | |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | 6.07p.m. | 8.30p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 5.30p.m. | 8.30p.m. |

**Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv kien preżenti għal-laqgħa.**

**1.Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlieta w Erbgħin (43) Laqgħa w tal-Kontinwazzjoni tal-Erbgħa u Erbgħin Laqgħa (44) tal-Kunsill**

Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr ebda korrezzjoni.



Sindku / *Mayor*: Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary*: John J. Camilleri

2.**Punti Mqajma**

Punti Mqajma - **Minuti tat-Tlieta w Erbgħin (43) Laqgħa**

Dwar 2.04 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li tinħareġ it-tieni *Default Notice* lil Green MT wara li dawn naqqsu milli jesegwixxu x-xogħol skont kif kien miftiehem. Gie deċiż li issir laqgħa oħra mas-Sur Joe Attard, milll-Green MT.

Dwar 2.05 Is-Sindku Graziella Galea nfurmat lill-Kunsill li kien tlesta l-aħħar *draft contract* u li kien jonqos biss li dan jiġi aċċettat mill-Kumpanija GO. Sadanittant, hi nfurmat li qed tagħmel pressjoni mal-istess kumpanija sabiex dan ix-xogħol isir kemm jista' jkun malajr.

Dwar 7.00 Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li kellu laqgħa mas-Sur Piscopo, minn Piscopo's Cash and Carry, u jidher li l-istima sabiex ikun jista' jsir il-proġett propost tammonta għal 500,000 ewro. Id-Dipartiment tal-Housing jistgħu joffru sa massimu ta' 75,000 ewro. Ġie deċiż li ssir laqgħa mar-residenti sabiex tittieħed l-opinjoni tagħhom dwar dan il-proġett.

Dwar 10.00 Il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad irċeva s-somma ta' 3,000 ewro taħt l-iskema tal-attivitajiet.

Dwar 11.00 Is-Sindku qalet li ntbagħtet l-ittra ta' ringrazzjament lill-MRRA fejn il-Kunsill wera x-xewqa li din l-attivita' tidħol fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-lokalita'. L-ispiża għall-Kunsill ser tammonta għal 4,200 ewro.

Punti Mqajma - **Kontinwazzjoni tal-Erbgħa u Erbgħin Laqgħa (44)**

Dwar 6.00 Il-Kunsill ma rċeva l-ebda kummenti mingħand il-Kunsilliera dwar il-*Master Plan for Maghtab Environmental* Complex u dan il-fatt ġie kkomunikat lill-MEPA.

Dwar 7.00 Is-Sindku Graziella Galea nfurmat li l-Kunsill applika taħt Memo 66/2011 għall-bandli f'Tal-Veċċ bi stima ta' madwar 23,000 ewro u għall-bandli f'Burmarrad bi stima ta' madwar 70,000 ewro.

Hi nfurmat ukoll li l-Kunsill applika taħt Memo 87/2011 għall-Istatwa ta' San Pawl fir-*roundabout* ta' Erba' Mwiezeb bi stima ta' madwar 200,000 ewro.

Dwar Memo 89/2011, il-Kunsill ra li l-ispejjeż relatati mal-attivita' proposta kienu kbar wisq meta wieħed jikkonsidra l-flus li setgħu jingabru u għalhekk din l-attivita' ma saritx.

Dwar Memo 90/2011, is-Sindku Graziella Galea qalet li l-Kunsill applika għal attivitajiet sportivi.

Dwar Memo 94/2011, il-Kunsill qed jaħdem sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn it-tabelli.

Dwar 8.00 Dawl Dekorattiv u Attivitajiet Relatati mal-Milied – Is-Sur Ray Tabone lmenta li ma kienx tlaqqa l-Kumitat inkarigat minn dan l-item. Is-Sindku Graziella Galea qalet li kemm hi u kemm il-Kunsillier Frank Gauci kienu bagħtu *emails* lill-membri tal-Kumitat, fosthom lill-Kunsillier Ray Tabone, u ħadd ma rrisponda, u għalhekk dan il-kumment kien wieħed mhux f'loku. Is-Sindku kompliet li dwar id-dwal, hi avviċinat lill-Kumitat tal-Festa u żewġ kuntratturi privati sabiex isir l-armar tad-dawl fit-toroq tal-lokalita'. Il-Kunsill iddeċieda li peress li kien daal iż-żmien, għandha tigi nkarigata s-Sindku sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji biex ix-xogħol isir.

Dwar l-attivitajiet, il-Kunsill ġie nfurmat li kienet inħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet għal marċi brijużi ta' sagħtejn il-waħda, minn bandisti bil-kostum, f'dawn iż-żminijiet tal-Milied, f'ħames żoni diversi fil-lokalita', Buġibba, Burmarrad, Qawra, San Pawl il-Baħar, u Wardija.

Dwar 9.01 *Tender for Upkeep and Maintenance of footpaths* - Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva risposta mingħand id-Dipartment fejn intqal li *Performance Bond* setgħat tii kkunsidrata valida bħala *Bid Bond* meta l-offerent ikollu *Performance Bond* mal Kunsull fuq l-istess sejħa għall-kuntratt preċedenti. Abbażi ta' din ir-risposta, u wara r-rakommandazzjoni tal-Kumitat inkarigat mis-Sejħiet Ghall-Offerti, il-Kunsill iddeċieda unanimament li dan it-tender jingħata lis-Sur Adam Bugeja.

Dwar 10.00 Il-Kunsillier Frank Gauci ppreżenta rapport dwar il-kundizzjoni tad-diversi *notice boards* fil-lokalita'. Minħabba li kien jidher li l-kundizzjoni ta' dawn in-notice boards ma kinitx daqshekk ħażin, gie deċiż li jinbiddlu biss is-*soft boards* ta' ġewwa n-*notice boards* u jsiru xi toqob fil-qiegħ tagħhom sabiex ikun hemm minn fejn joħroġ l-ilma meta dawn jikkondensaw. ċie deciż li tiżdied notice board il-Wardija, oħra quddiem Casa Serena u oħra fil-pjazzetta ta' Porzjunkola Housing Estate. Ġie deċiż ukoll li n-notice board li kien hemm fil-*Bus Terminus* titwaħħal fil-*bus shelter* tal-ġebel f'Misraħ il-Bajja jew ħdejn l-Ġnien tad-Dolmen Hotel fi Triq it-Turisti.

Dwar 13.00 Is-Sindku Graziella Galea nfurmat lill-Kunsill li ntbagħtet korrispondenza lill-Kunsilliera li din l-attivita' ser issir nhar is-7 ta' Diċembru, fis-13.00 fit-Torri Wignacourt.

Dwar 19.01.01 It-talba għall-bozza ma ntlaqgħatx mill-Enemalta.

Is-Sindku talbet li jiġu diskussi l-ewwel l-iktar affarijiet urġenti minħabba li kien sar il-ħin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 3. <u>Korrispondenza u Komunikazzjonijiet</u>

Ġiet ippreżentata lista ta' 24 Korrispondenza u Komunikazjonijiet . Id-deċiżjonijiet dwar dawn tinstab fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.
Dwar Korrispondenza Nru 1 – FSWS Appoġġ, ġie deċiż li jiġi estiż il-kuntratt mal-aġenzija Appoġġ għal-sena oħra.

Dwar Korrispondenxa Nru 3 – Bidla ta' Permess għal-gaġġa tat-trobbija tal-ħut f'wieħed permanenti. Il-Kunsillier Ray Tabone oġġezzjoni li jsir dan u ġie deċiż li jintalbu aktar dettalji mill-MEPA.

Dwar Korrispondenza Nru11 – Kont mingħand Socjeta Muzikali San Pawl. Ġie deċiz li għall-futur meta jkun hemm rapporti ta' ħsarat fil-latrini pubbliċi, għandha issir spezjoni mill-Vici Sindku John Bray u/jew l-Kunsilliera Jason Camilleri u/jew il-Kunsillier Mario Camilleri.

4. **Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' xogħol**

4.01 **Rendikont ta' Dħul ta' Fondi:**
Ġie approvat unanimament hekk kif ippreżentat.

4.02 **Rendikont ta' pagamenti:**
Ġie approvat unanimament hekk kif ippreżentat.

4.03 **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol:**
Ġie approvat unanimament hekk kif ippreżentat.
F'dan l-istadju, is-Sindku talbet li tiġi sospiża l-laqgħa sabiex l-accountant tal-Kunsill, is-Sna. Romina Perici Ferrante, tkun tista tagħti spjegazzjoni dwar il-posizzjoni finanzjarja għat-tielet kwart tas-sena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.04 ***Financial Indicator / Accounts ( Quarter Ending October 2011 )***
X'ħin tkompliet il-laqgħa, l-estimi finanzjarji u l-*Financial Indicator* ġew approvati unanimanemt u ngħataw struzzjonijiet sabiex dawn jintbagħtu lid-Dipartiment.

5. **Mozzjoni dwar nuqqasijiet ta' saħħa u ambjent.**

Inqrat din il-mozzjoni ppreżentata mill-Viċi Sindku John Bray u ssekondata mill-Kunsillier Peter Abela. F'dan il-kuntest saret diskussjoni dwar l-operat tal-*wardens*. Intqal li kien hemm bżonn ta' aktar edukazzjoni u mhux ċitazzjonijiet għal ġbir ta' flus. Intqal ukoll li kien hemm bżonn jiġi kkunsidrat li jitpoġġew *cameras* li jaħdmu b'sistema solari. Dawn ikunu jistgħu jitpoġġew f'diversi postijiet b'sistema ta' rotazzjoni. Ġie deċiż unanimament li, bl-approvazzjoni tal-proponent u s-sekondant ta' din il-mozzjoni, din il-mozzjoni għandha terġa tiġi mressqa f'laqgħa oġra bl-emendi meħtieġa.

6. **Egħluq tal-Laqgħa**

Billi kien sar il-ħin, il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30 ta' filgħaxija, għat-22 ta' Novembru 2011, fil-5.30 ta' filgħaxija bil-kontinwazzjoni tal-istess aġenda.

| | |
|---|---|
| ***Perit Graziella Galea*** | ***John J. Camilleri*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |
| 14 ta' Diċembru 2011 | Ref: 55 / 0938 / 11 / OCZ |